**24 ta' Mejju, 1991**

**Imħallef: –**

**Onor. Anton Depasquale B.A. LL.D**

Francoise Chetcuti

*versus*

Mary Friggieri

**Kontro - Talba**

*Il-konvenut ma jistax jipproponi kontro-talba fi kwalità differenti minn dik li fiha ġie ċitat, u ħadd ħlief il-konvenut ma' jista' jipproponi kontro-talba.*

Il-Qorti: – Rat l-att ta' ċitazzjoni fl-ismijiet premessi;

*Omissis;*

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attriċi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta;

*Omissis;*

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta u ta' żewġha Joseph Friggieri għal kull interess li jista' jkollu bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti illi biha wara illi ppremettew:

1. Illi ser jagħmlu użu mill-atti taċ-ċitazzjoni biex iressqu l-kontro-talba tagħhom;

2. Illi l-inċident ġara unikament tort ta' l-attriċi Francoise Chetcuti meta kkaġunat il-kolliżjoni in kwistjoni;

3. Illi għall-inċident awtomobilistiku hija responsabbli l-istess attriċi li kienet qed issuq il-karozza tagħha b'negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku; talbu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-attriċi hija unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li ġara fit-3 Novembru 1989 fi Triq Reġjonali, San Ġiljan;

2. Tillikwida d-danni konsegwenzjali sofferti mill-konvenuti;

3. Tikkundanna lill-attriċi tħallas lill-konvenuti *(sic)* l-ammont hekk likwidat; bl-ispejjeż u interessi legali u bl-attriċi inġunta għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda relativi tal-konvenuta u ta' l-imsemmi Joseph Friggieri;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attriċi għall-kontro- talba tal-konvenuta u ta' l-imsemmi Joseph Friggieri illi biha eċċepiet:

1. Illi preliminarjament l-imsemmi Joseph Friggieri mhux parti f'din il-kawża u għalhekk ma jistax jippreżenta xi kontro-talba kif fil-fatt għamel;

2. Illi t-talbiet fil-kontro-talba imsemmija jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess partijiet u dan peress illi huma infondati fil-fatt u fil-liġi, dan *stante* li l-kolliżjoni mertu ta' din il-kawża ġrat unikament tort ta' Mary Friggieri;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda relativi ta' l-attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni preliminari ta' l-attriċi għall-kontro-talba tal-konvenuta u ta' żewġha Joseph Friggieri;

Illi b'din l-eċċezzjoni l-attriċi qed isostni testwalment "Illi ..... l-imsemmi Joseph Friggieri mhux parti f'din il-kawża u għalhekk ma jistax jippreżenta xi kontro-talba kif fil-fatt għamel";

Illi din l-eċċezzjoni ta' l-attriċi hija fondata għaliex l-imsemmi Joseph Friggieri mhux konvenut fl-azzjoni promossa mill-attriċi permezz ta' l-att ta' ċitazzjoni odjerna, u, skond l-artikolu 396 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 huwa il-konvenut **biss** illi jista' jipproponi kontro-talba kontra l-attur. L-imsemmi artikolu 396 tal-Kapitolu 12 jibda biex jiddisponi hekk:

"Fil-kawżi **il-konvenut** jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur ....."(sottolinejar tal-Qorti);

Ebda wieħed mill-artikolu tal-Kodiċi ċitat illi jittrattaw dwar ir-rikonvenzjoni (Art. 396 sa 402) ma jikkontempla illi tista' ssir kontro-talba jekk mhux minn min ikun konvenut f'kawża. Dan jidher aktar ċar mis-segwenti silta tal-artikolu 400 tal-Kapitolu 12:

"Il-konvenut ma jistax jipproponi l-kontro-talba fi kwalità oħra minn dik li fiha jkun mħarrek...";

Jekk il-konvenut ma jistax jipproponi kontro-talba fi kwalità differenti minn dik illi fiha jiġi ċitat *multo magis* xi ħadd illi mhux konvenut ma jistax jipproponi kontro-talba;

Illi l-effett ta' l-akkoljiment ta' l-eċċezzjoni preliminari in eżami ta' l-attriċi għandu jkun il-liberazzjoni ta' l-istess attriċi mill-osservanza tal-ġudizzju in relazzjoni għall-kontro-talba kwantu proposta mill-imsemmi Joseph Friggieri;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-eċċezzjoni in eżami ta' l-attriċi u, konsegwentement, tillibera lill-istess attriċi mill-osservanza tal-ġudizzju għar-rigward tal-kontro-talba proposta minn Joseph Friggieri bl-ispejjeż kontra l-istess Joseph Friggieri;